# Jum l-Armistizju fl-Ingliterra, 1938

ĦARSA LEJN IL-WARRANI

Mill-ewwel Armistizju 'l hawn, meta l-Ingliterra kienet mitlufa f'mewġiet kbar ta' ferħ, il-11 ta' Novembru, għall-ġens Ingliż, qatt ma kellu t-tifsira li kellu din is-sena. Ma' tul is-snin li għaddew eluf u eluf ta' Ingliżi waqfu quddiem il-Mafkar tas-Suldat mhux Magħruf u ftakru f'dawk li mietu f'isem il-ħelsien. Il-lum, wara 20 sena, huma jistaqsu jekk il-miljun ruħ ta' l-Imperu li ħallew ħajjithom mitux għalxejn!

Meta r-Re qiegħed il-kuruna f'ħoġor il-Mafkar Nazzjonali, f'Whitehall, din id-darba ntweriet qima mhux ta' dari, sollennità ġdida fir-ritwal sempliċi u ta' ġieħ mogħti mis-Sultan. It-toroq ta' mad-dwar kienu maħnuqa b'nies miġbura f'sikta kbira. Kull fejn tħares ma kienx jidher ħlief lewn xehbieni ta' swied il-qalb miksur biss mill-ilwien ta' l-uniformijiet militari tat-truppi u ta' l-ispellizzi bojod tal-kleru. Il-bnadar ta' fuq il-Mafkar dehru mmantra fix-xemx tal-ħarifa, u l-ħemda ma kenitx miksura ħlief minn tferfir il-ġwienaħ tal-ħamiem ta' Londra. Ma' tul li Strand, f'Piccadilly, quddiem ir-Royal Exchange, f'kull irkejna u f'kull rokna tal-belt ġorfija kienet issaltan sikta kbira—sikta mixgħula bit-tqanqil ta' qalb u mimlija bl-ispirtu ġdid ta' l-Ingliterra. Dawk il-ħlejjaq kollha ta' nies ma kinux jinsabu f'dawk it-toroq għax kienu msejħin minn xi proklama, lanqas għax kienu mġiegħla, iżda marru hemm biss minn jeddhom, għax ħassew ġo fihom li għandhom jiftakru u jqimu lill-Mejtin.

Fil-gżejjer Ingliżi ma kienx hemm raħal, ċkejken kemm hu ċkejken, li minnu ma marrux żgħażagħ biex ikunu maħsuda mill-minġel tal-mewt. Ma kienx hemm irħajjel, fqajjar kemm hu fqajjar, li ma waqqafx Mafkar b'tifkira għalihom.

F'daqxejn ta' blejta l-*Memorial Park* tħassar bit-taħfir tat-*trenches* għal kontra l-attakki mill-ajru; is-sies in-nifsu tas-salib tal-ħaġar safa nofsu mirdum qalb il-ġebel u t-torba. Wieqaf quddiem is-salib tat-tifkira, wieħed mill-kunsulieri, hu n-nifsu suldat mix-xjuħ, qara l-vrus sbieħ tal-poeżija magħrufa ta' żmien il-gwerra:

"Lilkom b'idejn għajjiena nitfgħu x-Xabla. Qisu li żżommuha fil-ġieħ li jistħoqqilha. Jekk intom tiċħdu lilna li xerridna demmna, aħna ma nsibux mistrieħ, għad li fl-egħlieqi ta' Fjandri jikber il-pepprin..."

B'dawn il-kelmiet hu qiegħed klila ta' pepprin aħmar dagħmieni fi ħdan is-Salib u, kif medd il-pass lura, wieħed

sata' jħoss x'kienet ir-riżoluzzjoni qawwija ta' dawk li kienu qed jisimgħuh — kienet wiegħda bla kliem li ttenniet ma' l-erbat irjieħ ta' l-Imperu, wiegħda li żgur instemgħet minn tarf għall-ieħor tad-dinja : "AĦNA MA NIĊĦDUKOMX."

(*Maqlub mill-Ingliż minn* M. KISSAUN).